Malta Tourism Authority

**Media Release**

**Date: 28th February 2018**

**Ref: 11-2018**

## Guests in collective accommodation establishments up by 13% in 2017

The Malta Tourism Authority reacts positively to the fact that increases have been registered in the amount of tourists visiting collective accommodation establishments during the fourth quarter of 2017.

Total guests in 2017 surpassed 1.8 million, marking an increase of 13%. Total nights spent reached nearly 9.6 million, an increase of almost 7% over 2016.

Figures published by the National Statistics Office indicate that between October and December last year, increases were registered in total guests (+11.7%) and total nights spent (+8.3%) in collective accommodation establishments. The largest share of guest nights (48.5%) was reported in 4-star hotels. Net use of bed-places has advanced by 1.4 percentage points, to reach 58.2%.

The Malta Tourism Authority has just celebrated results achieved in 2017, whereby inbound tourist trips from January to December 2017 reached almost 2.3 million (+15.7%) while total nights spent surpassed 16.5 million nights (+10.3%).

Reacting to these positive results, the MTA's Chief Executive Officer, Mr. Paul Bugeja, noted that it is clear by now that hurdles such as seasonality are being addressed. Thanks to joint efforts between the Ministry for Tourism and the Malta Tourism Authority, Malta is successfully being promoted and visited all year round, which is positive for the industry, the economy, and ultimately the taxpayer. He added that all stakeholders must collaborate in order to ensure the sustainability of such success.

The Minister responsible for tourism, Dr Konrad Mizzi, held that Malta's success in sustaining such a positive performance in collective accommodation undoubtedly compliments the strong expansion in its air connectivity. Eight new airline routes from seven different countries began operating last year, adding to the already extensive network linking Malta with its source markets and bringing more tourists to the accommodation facilities in Malta and Gozo.

Malta Tourism Authority

Media Release

**Turisti fi stabilimenti ta' akkomodazzjoni kollettiva żdiedu bi 13% fl-2017**

L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu tirreaġixxi b'mod pożittiv għall-fatt li kien hemm żidiet reġistrati fl-ammont ta' turisti li żaru stabilimenti ta' akkomodazzjoni kollettiva fir-raba' kwart tal-2017.

Barra minn hekk, tul is-sena li għaddiet, l-ammont ta' viżitaturi f'dawn l-akkomodazzjonijiet qabeż 1.8 miljun, li tfisser żieda ta' 13%. L-ammont ta' ljieli mqatta' kważi laħaq id-9.6 miljun, li tfisser żieda ta' kważi 7%.

Ċifri ppubblikati mill-Uffiċju Nazzjonali tal-Istatistika juru li bejn Ottubru u Diċembru tas-sena li għaddiet, kien hemm żidiet reġistrati fl-ammont ta' nies li żaru dawn l-akkomodazzjonijiet (+11.7%) u l-ammont ta' ljieli li qattgħu fihom (+8.3%). L-ikbar ammont ta' ljieli (48.5%) tqattgħu f'akkomodazzjonijiet ta' erba' stilel. L-użu nett ta' sodod avvanza b'1.4 punti perċentwali, biex laħaq 58.2%.

L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għadha kemm iċċelebrat ir-riżultati miksuba fl-2017, fejn l-ammont ta' turisti li waslu Malta bejn Jannar u Diċembru kważi laħaq 2.3 miljuni (+15.7%), filwaqt li l-ammont ta' ljieli li turisti qattgħu f'pajjiżna kważi qabeż is-16.5 miljun lejl (+10.3%).

Fir-reazzjonijiet tiegħu għal dawn ir-riżultati pożittivi, il-Kap Eżekuttiv tal-MTA, is-sur Paul Bugeja, innota li huwa evidenti li intoppi preċedenti, bħall-istaġjonalità, qed ikunu indirizzati. Grazzi għall-ħidma konġunta bejn il-Ministeru għat-Turiżmu u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, Malta qed tkun irriklamata b'suċċess u dan isarraf fl-ammont ta' viżitaturi tul is-sena kollha. Żied jgħid li dan ma jagħmilx tajjeb biss għall-industrija u l-ekonomija, iżda fl-aħħar mill-aħħar, għat-taxpayer Malti. Temm jgħid li dawk kollha fl-industrija għandhom jikkollaboraw sabiex dan is-suċċess ikun sostenibbli.

Il-Ministru responsabbli mit-turiżmu, Dr Konrad Mizzi, qal li s-suċċess ta' Malta f'dawn ir-riżultati pożittivi fl-akkomodazzjoni kollettiva jorbot u jikkumplimenta l-espansjoni fil-konnettività bl-ajru. Tmin rotot ġodda minn seba' pajjiżi differenti bdew joperaw minn u lejn Malta s-sena li għaddiet, biex b'hekk żiedu man-network estensiva li tgħaqqad lil Malta ma' swieq differenti li jwasslu aktar turisti lejn akkomodazzjonijiet kollettivi f'Malta u Għawdex.